# LILL-MADONNA ASSUNTA

*(B'Tifkira tad-Domma tat-Tlugħ fis-Sema Tagħha, 1. 11. 1950)*

*Ta'* M. Agius

Tifħir u ġieħ ġibitlek, O Madonna,
Id-Domma tat-tlugħ tiegħek ġewwa s-sema
Bir-ruħ u l-ġisem ; ħu għalhekk mill-ġonna
Ta' qalbna l-ward maħsul ukoll b'xi demgħa.

Imħabba lejk : imħabba bħala ommna
Jixhed id-dmugħ u l-ferħ f'qalb il-miġemgħa
Tagħna l-insara li sal-lum minn fommna
Il-ħelu ismek għadu ħadd ma rema.

Santa Marija lilek tajna qima
Ġol-Gżejjer tagħna meta sirna nsara :
Emminna kmieni Tlugħ is-Sema Tiegħek!

Santa Marija lilek it-tislima
Minn qalbi nagħti u għinni ħalli nara :
'L Alla u Lilek hemm fis-sema miegħek!

**Villa Lija.**